Suġġett

Minn naħa, talba għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK, tal-15 ta' Ottubru 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 282, p. 58), kif ukoll tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 945/2012, tal-15 ta' Ottubru 2012, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 282, p. 16), sa fejn dawn l-atti jirrigwardaw lir-rikorrenti, u, min-naħa l-oħra, talba intiża li tikseb dikjarazzjoni ta' inapplikabbiltà lir-rikorrenti tal-Artikolu 20(1)(c) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, p. 39), kif emendata permezz tad-Deċiżjoni 2012/635, kif ukoll tal-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru°267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar ir-Regolament (UE) Nru°961/2010 (ĠU L 88, p. 1).

Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *National Iranian Oil Company PTE Ltd (NIOC), National Iranian Oil Company International Affairs Ltd (NIOC International Affairs), Iran Fuel Conservation Organization (IFCO), Karoon Oil & Gas Production Co., Petroleum Engineering & Development Co. (PEDEC), Khazar Exploration and Production Co. (KEPCO), National Iranian Drilling Co. (NIDC), South Zagros Oil & Gas Production Co., Maroun Oil & Gas Co., Masjed-Soleyman Oil & Gas Co. (MOGC), Gachsaran Oil & Gas Co., Aghajari Oil & Gas Production Co. (AOGPC), Arvandan Oil & Gas Co. (AOGC), West Oil & Gas Production Co., East Oil & Gas Production Co. (EOGPC), Iranian Oil Terminals Co. (IOTC) et Pars Special Economic Energy Zone (PSEEZ) għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

(1) ĠU C 79, 16.3.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2015 – Panasonic u MT Picture Display vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-82/13) (1)

("Kompetizzjoni — Akkordji — Suq dinji tat-tubi katodiċi għas-settijiet tat-televiżjoni u għall-moniters tal-kompjuter — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Ftehimiet u prattiki miftiehma fir-rigward ta' prezzijiet, ta' tqassim tas-swieq, ta' kapaċitajiet u ta' produzzjoni — Drittijiet tad-difiża — Prova tal-parteċipazzjoni fl-akkordju — Ksur uniku u kontinwat — Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi tal-2006 — Proporzjonalità — Multi — Ġurisdizzjoni sħiħa")

(2015/C 346/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Panasonic Corp. (Kadoma, il-Ġapppun); u MT Picture Display Co. Ltd (Matsuocho, il-Ġappun) (rappreżentanti: R. Gerrits u A.-H. Bischke, avukati, M. Hoskins, QC, u S. K. Abram, barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Biolan, M. Kellerbauer u G. Koleva, aġenti)

Suġġett

Prinċipalment, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012) 8839 finali, tal-5 ta' Diċembru 2012, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.437 – Tubi katodiċi għas-settijiet tat-televiżjoni u għall-moniters tal-kompjuter), sa fejn tirrigwarda lir-rikorrenti, jew, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

1) *L-ammont tal-multi imposti mill-Artikolu 2(2)(f), (h) u (i) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012) 8839 finali, tal-5 ta' Diċembru 2012, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.437 – Tubi katodiċi għas-settijiet tat-televiżjoni u għall-moniters tal-kompjuter), huwa ta' EUR 128 866 000, f'dak li jikkonċerna lil Panasonic Corp., għall-parteċipazzjoni diretta tagħha fil-ksur li jirrigwarda s-suq tat-tubi katodiċi tal-kulur għas-settijiet tat-televiżjoni, ta' EUR 82 826 000, f'dak li jikkonċerna lil Panasonic, Toshiba Corp. u MT Picture Display Co. Ltd, flimkien u in solidum, u ta' EUR 7 530 000, f'dak li jikkonċerna lil Panasonic u MT Picture Display, flimkien u in solidum.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

(1) ĠU C 101, 6.4.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2015 – Samsung SDI *et* vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-84/13) (1)

("Kompetizzjoni — Akkordji — Suq dinji tat-tubi katodiċi għas-settijiet tat-televiżjoni u għall-moniters tal-kompjuter — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Ftehimiet u prattiki miftiehma fir-rigward ta' prezzijiet, ta' tqassim tas-swieq, ta' kapaċitajiet u ta' produzzjoni — Ksur uniku u kontinwu — Tul tal-ksur — Kooperazzjoni matul il-proċedura amministrattiva – — Komunikazzjoni tal-2006 dwar il-kooperazzjoni — Tnaqqis tal-ammont tal-multa — Kalkolu tal-ammont tal-multa — Teħid inkunsiderazzjoni tal-bejgħ tal-impriża skont il-kriterju tal-post tal-kunsinna — Teħid inkunsiderazzjoni tal-valur medju tal-bejgħ irreġistrat matul iż-żmien tal-ksur")

(2015/C 346/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Samsung SDI Co. Ltd (Gyeonggi-do, ir-Repubblika tal-Korea); Samsung SDI Germany GmbH (Berlin, il-Ġermanja); u Samsung SDI (il-Malasja) Bhd (Negeri Sembilan Darul Khusus, il-Malasja) (rappreżentanti: inizjalment minn G. Berrisch, avukat, D. Hull, solicitor, u L.-A. Grelier, avukat, sussegwentement minn M. Hull u L.-A. Grelier, u sussegwentement minn L.-A. Grelier, D. Geradin, J. Ysewyn, P. Camesasca, avukati, u J. Flynn, QC)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Biolan, G. Meessen u H. van Vliet, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012) 8839 finali, tal-5 ta' Diċembru 2012, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.437 – Tubi katodiċi għas-settijiet tat-televiżjoni u għall-moniters tal-kompjuter), u talba għat-tnaqqis tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti.